**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 73**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta 12 ta' Marzu 2024 fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi, fi 392 Triq il-Vitorja Ħal Qormi fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento –Sindku
Donnha Barbara – Viċi Sindku (online)
Ralph Puli - Kunsillier
Doris Zammit – Kunsillier
George Muscat - Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Dr Sean Apap Meli – Kunsillier (online)
Martina Grech - Kunsillier (online)
Carmelo Cuschieri – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

Daniel Ablett – Kunsillier

**ASSENTI**

Abigail Sammut – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Marilyn Baldacchino Gatt – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**73.1 Minuti**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppresieda l-laqgħa.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** poġġa fuq il-mejda kopja tal-Minuti Nru 70, Nru 71, Nru 72, liema Minuti kienu ċċirkulati u meħuda bħala moqrija.

Il-Minuti ġew approvati.

**73.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

73.2.1 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-kuntratt bejn il-Kunsill Lokali Ħal Qormi u il-Baden Powell Scout Group għall-użu ta' kamra fi Ġnien Armier skada u se jerġa jiġi mġedded bl-istess kundizzjonijiet għal 4 snin. Se tiżdied klawsola, li sakemm isiru ix-xogħolijiet fuq il-proġett ta' Ġnien Armier u il-kamra ma tkunx tista tintuża, l-Għaqda trid issib akkomodazzjoni oħra għal spejjez tagħha.

73.2.2 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill dalwaqt se joħroġ it-Tender ta' Ġnien Armier.

73.2.3 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma illi il-Kunsill dalwaqt se joħroġ it-tender tal-Patching. Il-Kunsilliera iddiskutew u qablu li it-tender toħroġ għal-patching bil-*Cold Asphalt*.

73.2.4 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill Lokali irċieva talba mingħand ir-Regjun Nofsinhar rigward kiri ta' spazju fil-garaxx tal-Kunsill biex ikunu jistgħu jipparkjaw van EV - 7 seater li inxtara mir-Reġjun. Fid-dawl li il-garaxx qed jintuża mill-ħaddiema tal-Kunsill u fih hemm diversi affarijiet li jużaw l-istess ħaddiema, kif ukoll li fil-garaxx qed tiġi ipparkjata il-karozza u il-van tal-Kunsill, il-Kunsill qabel li tali talba ma hiex prattikabbli.

73.2.5 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppropona li l-Laqgħa Annwali tal-Lokalita' tinżamm nhar it-Tlieta 9 t'April fis-Sede tal-Għaqda Mużikali Anici. Il-Laqgħa tibda fis-6.30 ta' filgħaxija. L-għaqda ser tingħata €100 bħala kumpens tal-kiri tas-sala.

**73.2.6** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill Lokali irċieva talba mid-Dipartiment għall-Anzjanità attiva fejn il-Kunsill intalab isib post alternattiv għaliex se jsir refurbishment tad-Day Centre. Il-Kunsill qabel li ninfurmaw lid-Dipartiment sabiex ix-xogħolijiet ta' rinnovat isir fi żmien is-sajf u sabiex id-Dipartiment jinfurmaw lill-Kunsill x'inhuma ix-xogħolijiet eżatt proposti. Bħala kunsill l-uniku post li nistgħu noffru huwa is-sala ta' fuq għal żmien tas-sajf, minħabba li ma jkun hemm attivitajiet oħra fiha, liema Sala trid tiġi attrezzata min naħa tad-Dipartiment. Post alternattiv li il-Kunsill issuġġerixxa, huwa is-Sala tal-Parroċċa, fejn liema ħlas għall-użu tat-tali sala għandu ikun mid-Dipartiment stess.

**73.2.7** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill Lokali irċieva talba mingħand l-Arċipriet Dun Mario Mangion sabiex il-Kunsill Lokali jipprovdi mobile toilets fi żmien il-Ġimgħa il-Kbira. Fi snin preċedenti il-Kunsill Lokali ordna tali mobile toilets u dawn tpoġġew f'postijiet differenti fit-tul tal-purċissjoni. L-istima għal dawn il-mobile toilets hija ta' ċirca €700. Il-Kunsill qabel li jiġu ordnati mobile toilets kif mitlub u il-latrina ta' Sqaq Żenqa tinfetaħ bl-attendant fil-Ġimgħa il-Kbira u fl-Irxoxt.

**73.2.8** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li din il-ġimgħa inbeda ix-xogħol ta' bankina ġdida fi Triq il-Hammieri.

**73.2.9** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill Lokali irċieva talba mingħand is-Sinjura Graziella Sammut, cat feeder fl-area Ta' Farżina sabiex l-open space li hemm fejn Gnien Tumas Fenech tinbidel f'Cat Shelter, simili bħal ma sar fiż-Żurrieq u H'Attard. Is-Sinjura Sammut tixtieq li dan isir sabiex jinġabru il-qtates f'dik l-area u qtates oħra li qedin ta' periklu f'kolonji oħra fil-lokalita. Cat Shelters simili jieħdu ħsiebhom feeders volontarjament.

Il-Kunsill qabel li fiċ-ċirkustanzi finanzjarji li jinsab fihom il-Kunsill, dan il-proġett ma jistax isir għalissa. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv għandha tinforma lis-Sinjura Sammut dwar dan u ninfurmawha li il-Kunsill se jesplora possibilitajiet oħra.

**73.2.10** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill Lokali irċieva kommunikat mill-Ministeru għall-Ambjent, Enerġija u Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, liema komunikat diġa għadda lil membri tal-Kunsill permezz ta' ittra elettronika.

Il-Ministeru qed jigbor informazzjoni ta' Kunsilli Lokali li jistgħu jingħaqdu ma' pajjiżi oħra madwar id-dinja biex jiċċelebra l-attivita'

tal-Earth Hour 60+. Din l-attivita' tiġi ċċelebrata mad-dinja kollha biex tħeġġeġ lin-nies jieħdu azzjoni għall-problemi ambjentali. Bħala ġest simboliku, normalment l-avveniment jinkludi tifi ta' dawl bejn it-20:30 u d-21:30. Dan jinkludi tifi ta' monumenti, bini amministrattiv u żoni pubbliċi oħra.

Il-Kunsill qabel li għas-sena kollha se jagħmel ħiltu biex innaqsu id-dawl fl-aħjar cirkustanzi

73.2.11 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma lill-Kunsill li is-servizz mgħoti mill-Kumpanija Inectio biex ikollna sistema tal-bulky suppost aktar organizzata, anke li tibgħat sms lir-residenti mhux qed tagħti ir-riżultat mixtieq. Matul l-aħħar ġimgħat is-sistema kellha diversi problemi, fejn appuntamenti intilfu, oħrajn kellhom l-items tagħhom imħawwad jew saħansitra nieqsa u ġranet mingħajr servizz minħabba ħsarat fis-servers tal-Kumpanija. Billi il-kuntrattur infurmana issa, li is-servers jinsabu il-Ġermanja u billi tali servers qed ikollhom fihom informazzjoni personali tar-residenti inkluż in-numru tal-mobile, dan qed isir bi ksur tal-protezzjoni tad-data. Għaldaqstant is-Sindku issuġġerixxa sabiex jiġi ikkunsidrat illi dan is-servizz ma jibqax jintuża u il-Kunsill jittermina il-Kuntratt mal-Kumpanija imsemmija.

Biex tispjega din il-kommunikazzjoni, daħlet fid-diskussjoni is-Sinjura Karen Camilleri fejn issuġġeriet li jiġi iċċekkjat l-agreement li hemm u is-servizz jiġi temporanjament imwaqqaf u diskuss fis-Seduta li imiss.

**Il-Kunsillier Sean Apap Meli** talab li il-Kuntrattur jintalab jipprovdi Data Protection Impact Assesment.

Il-Kunsill qabel li jekk is-servizz jiġi imwaqqaf l-informazzjoni għandha tiġi lura kollha għand il-Kunsill.

Il-Kunsill qabel li jieħu parir tal-avukat tal-Kunsill biex jekk l-Inectio tuża is-sistema x'imkien ieħor, il-kumpanija għandiex tagħti refund għall-ammont li il-Kunsill diġà ħallas biex inbnew is-sistemi tal-ilmenti u tal-bulky refuse.

73.2.12 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill Lokali irċieva ittra elettronika mingħand is-Surgent 640 Sylvan Camilleri, mill-Għassa ta' Ħal Qormi, minħabba il-problema ta' vetturi abbandunati fiz-zona tal-Ħandaq. Is-Surġent Camilleri infurmana li minkejja li twaħħlet sticker b'avviż mill-Kummissarju tal-Pulizija, wara 8 ijiem reġa' mar u ħafna mill-vetturi baqgħu hemm.

Is-Surġent qed jitlob l-għajnuna tal-Kunsill sabiex jinstab post alternattiv fejn dawn il-vetturi jistgħu jitpoġġew minħabba li il-bitħa tal-Pulizija tinsab mimlija.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv se tkun qed twieġeb it-talba tas-Surġent Camilleri u tinformah illi il-Kunsill m'għandux post fejn ipoġġu tali karozzi.

**73.2.13** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill Lokali irċieva kopja ta' Mandat ta' sekwestru li nfetaħ kontra Architworks Ltd, il-kumpanija li bħalissa għaddejja bix-xogħlijiet fil-ġnien ta' Misraħ iż-Żebbuġ. Il-Kunsill tkellem ma l-avukat fejn ġejna nfurmati li l-ebda pagamenti ma jistgħu jinħarġu f'dan l-istadju u l-pagamenti dovuti għandhom isiru biss permezz ta' Bank Draft il-Qorti.

Tkellimna mal-kuntrattur li qed jagħmel il-canopies fejn hu lest li jkompli x-xogħol u jinstallahom fuq il-post basta jitħallas.

Minħabba din il-kwistjoni, se nitolbu l-approvazzjoni mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex tinħareġ Direct order lill-kuntrattur. Il-Kunsill se jkun qed iħallas € 14,750 (VAT inkluża) għal dawn il-canopies

Fuq parir mid-Dipartiment tal-Kunsill Lokali, biex jitkompla ix-xogħol direttament mill-Kunsill u jitħallsu il-canopies, irid jiġi itterminat il-Kuntratt mal-Kumpanija Architworks. L-Architworks qegħdin in breach of contract u għaldaqstant liema kuntratt jista jiġi it-terminat.

**Il-Kunsilliera kollha** preżenti qablu li jiġi it-terminat il-Kuntratt mal-Kumpanija Archtiworks u jinżammu 20 fil-mija (20%) mill-ammont globali iċċertifikat għall-ħlas, bħala Penali taħt il-Klawsola fit-tender bl-isem "Delay in Execution". Il-Kuntrattur għandu immedjatament jiġi infurmat li il-Kuntratt tiegħu ġie itterminat.

**73.2.14** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Malta Public Transport dwar inċidenti li qed ikollhom il-vetturi tat-trasport pubbliku minħabba li l-pjazza quddiem il-Knisja iż-żgħira ta' San Bastjan qed tiskiddja. Tkellimna ma Infrastructure Malta sabiex naraw hux possibbli li jsir xogħol urġenti fuq il-pjazza, iżda ġejna nfurmati li qabel jingħalaq il-proċess tal-procurement ma jista' jsir xejn min-naħa tagħhom. Għaldaqstant il-problema waqgħet f'ħoġorna u għaldaqstant għandna naraw li nneħħu l-periklu mill-aktar fis għaliex il-Malta Public Transport se twaqqaf is-servizz miċ-ċentru ta' Ħal Qormi.

Is-Sindku semma li intalbet stima biex naraw kemm tiġi l-ispiża għal scarifying tal-pjazza kollha. Billi hemm ħafna tappieri li scarifier trid tkun żgħira u kemm jista ikun idur ma dawn it-tappieri bil-mod. Se jinżel madwar 1-2 ċentimetru. Estetikament se tkun tidher bid-daqqiet, kif tkun triq imqaxxra qabel isir it-tarmak. Li stima għal pjazza kollha fejn hemm il-wiċċ tal-konkos hija ta' circa €4,000.00 mingħajr VAT.

Huwa għaqli li qabel isir dan ix-xogħol tinħareġ stqarrija uffiċjali mill-Kunsill fejn jiġi spjegat għaliex kellu isir dan ix-xogħol temporanju.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** semma li il-Perit li ħa ħsieb il-pjazza kellu l-obbligu li jiċċertifika li il-pjazza hija safe u dan iċ-ċertifikat għandu jintbagħat lil Malta Public Transport.

**Il-Kunsillier Carmel Cushieri** qal li hu jaqbel li biex jitnaqqas il-periklu il-Kunsill għandu imur għal scarifying.

**Il-Kunsilliera** preżenti qablu li tintbagħat korrispondenza lil Perit tal-Kunsill, fejn dan jintalab jiddikjara li il-Pjazza hija sigura. Dan iċ-ċertifikat tal-Perit għandu imbagħad jintbagħat lil Malta Public Transport

**73.2.15** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma lill-Kunsill li illum 12 ta' Marzu 2024, kellu laqgħa mal-Uffiċjali tal-Urban Development Fund. F'din il-laqgħa saret talba mill-kunsill sabiex il-fondi li hemm nippruvaw li il-Kunsill iġibhom għall-proġetti diġà mibdija.

**73.2.16** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill irċieva talba mingħand il-Kunsillier Gorg Muscat, fejn dan talab li it-tabella li tindika il-parkeġġ riservat tiegħu personali titneħħa mit-tarf tal-bankina u titwaħħal mal-ħajt.

Il-ħaddiema tal-Kunsill meta marru fuq il-post ġew infurmati min sid id-dar li kien qed jirrifjuta li tali tabella titwaħħal mal-faċċata tiegħu. Il-ħaddiema infurmaw li minħabba li hemm is-servizzi għaddejjin min fuq il-bankina ma kienx ser ikun lanqas possibbli li din titħalla mal-pole u titwaħħal aktar il-ġewwa mal-ħajt.

Fiċ-ċirkustanzi li hemm kwistjonijiet personali bejn is-Sur Muscat u is-sid tad-dar, inkluż każi fil-Qorti kif jikkonfermaw il-partijiet, u fid-dawl li tali parkeġġ jista' isir bil-kontra u il-bieba tax-xufier xorta tinfetaħ, il-Kunsilliera preżenti qablu li titkejjel il-bankina. Jekk il-bankina hija wiesgħa aktar mill-liġi u it-tabella tista' issir lura mingħajr

ma tostakola il-wiesgħa permess bil-liġi, din il-materja terġa tiġi diskussa fis-seduta li imiss.

**73.2.17** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li fl-okkażjoni ta' Jum Ħal Qormi ser isir marċ mit-tliet baned Qriema u programm żgħir u jingħataw in-nominazzjonijiet ta' Għarfien il-Hila u Ġieh Ħal Qormi. Din is-serata ser issir fi Triq San Pietru fejn il-Madonna tar-Rużarju nhar is-Sibt 25 ta' Mejju 2024. Il-Kunsilliera ġew infurmati li ser ikun qed isir komunikat magħhom sabiex jibgħatu in-nomini.

**73.2.18** **Provvediment ta' Servizzi Kulturali minn Għaqdiet Lokali Kulturali u taż-Żgħażagħ**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kuntratt bejn il-Kunsill Lokali u l-għaqdiet tad-drama skada f'Diċembru li għadda. Se nkunu qed inġeddu dan il-kuntratt, bl-istess kundizzjonijiet. Minħabba il-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill, il-fondi allokati għal kull għaqda teatrali se tkun ta' € 1000 fis-sena.

Il-Kunsilliera kollha prezenti qablu ma din is-somma.

**73.3** **Mozzjonijiet**

**Mozzjoni Nru 121 imressqa mis-Sindku Dr Josef Masini Vento**

*Fid-dawl tal-fatt li l-kuntratt tal-Avukat tal-Kunsill spiċċa fid-29 ta' Frar u fid-dawl tal-fatt li l-Kunsill għandu 3 kawżi pendenti fil-Qorti ta' Malta, liema kawżi jinsabu taħt ir-responsabbilta' ta' Dr Cachia, nipproponi li l-Kunsill jippreżenta Direct Order Request Form lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex nibqgħu nużaw is-Servizz tal-Avukat Dr Simon Cachia LL.D. Il-Kunsill talab stima tas-Servizz lil Dr Cachia, liema stima tammonta għal € 7,000 fis-sena.*

Il-Kunsillier Ralph Puli issugerixxa li Dr Cachia jingħata direct order ta' €3500 għal-sitt xhur biss u immedjatament il-Kunsill Lokali joħrog it-tender għas-Servizz tal-Avukat.

Il-Kunsillier Carmelo Cuschieri ssekonda.

Ivvutaw favur disa (9) kunsilliera preżenti. Ma kien hemm ħadd kontra u ma kien hemm l-ebda astensjoni.

Il-mozzjoni ġiet approvata, kif emendata, b'mod unanimu.

**73.4** **Skeda ta' Ħlasijiet**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Frar 2024.

Il-Kunsillier Marvin Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

Il-Kunsillier Ralph Puli ssekonda.

Il-pagamenti ġew approvati.

**73.5** **Ħwejjeġ Oħra**

Il-Kunsillier Marvin Zammit gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li qed jinħarġu bosta permessi ta' makkinarju/kontejners li qed jostakolaw garaxxi u/jew ikunu ta' inkonvenjent ghar-residenti.

Minn fuq it-telefon cellulari tiegħu wera lil Kunsilliera preżenti ritratt ta' No Parking Sign imwaħħla fi Triq Dun Rene Cilia, maħruġa mill-Kunsill Lokali Ħal Qormi bin-numru tal-Permess QRM2024-16632 mill-5 ta' filgħodu għal 6 parking spaces. Semma kemm dan hu ta' inkonvenjent għax mhux biss it-tabella għandha ħin kmieni, allura ir-residenti qas bil-lejl ma jkunu jistgħu jipparkjaw, imma ukoll għax il-makkinarju qed jiġi ipparkjat matul il-ġurnata quddiem il-garaxxi tar-residenti.

Il-membri tal-Kunsill preżenti issuġerew li fuq it-Tabelli tan-No Parkings jiżdied il-kliem **"L-EBDA GARAXX MA JISTA JIĠI OSTAKOLAT"**

**73.6** **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa intemmet fid-9.00p.m. u ġiet aġġornata għat-Tlieta 9 ta' April 2024.

Konfermati llum, ***9 ta' April 2024***.

**IFFIRMATI**

Josef Masini Vento (Dr)
Sindku

**IFFIRMATI**

Marilyn Baldacchino Gatt
Deputat Segretarju Eżekuttiv